# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 6 4

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3287/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Carmel sive Charles Borg**

**vs**

**L-Ambaxxata Franciza f'Malta u l-Gvern ta' Franza kif rapprezentat mill-Eccellenza Tieghu l-Ambaxxatur ta' Franza f'Malta Francis Daniel Rondeau**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

Illum 17 ta' Frar 2015

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors ta' Carmel Borg ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-2 ta' Settembru 2014 u iffirmat mill-avukat Dottor Anthony Stellini.

PRELIMINARI

Permezz ta' l-imsemmi Rikors, ir-Rikorrent Carmel Borg jghid li huwa kien gie impjegat full-time bhala xufier tal-Ambaxxatur ta' Franza f'Malta Daniel Rondeau fuq kuntratt definit ghal sena li jiggedded sena wara ohra, mill-1 t'Ottubru 1997 sat-30 ta' Gunju 2009. Huwa Jghid li sa mill-bidu nett tal-impieg kien ghamel sieghat twal ta' sahara (overtime) u kien ghamel lista' li tkopri l-hinijiet tas-sahra mill-5 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Gunju 2009 li ghalieh huwa qatt ma thallas mill-intimati. Jghid li huwa talab diversi drabi lill-Ambaxxatur ta' Franza f'Malta ghall-hlas tal-overtime li ghamel tul dawk is-snin. Jghid ukoll li fit-30 ta' Gunju 2009 l-Ambaxxatur ta' Franza baghat jinfurmah b'ittra li l-impieg tieghu kien qed jigi terminat minghajr ebda raguni

valida skond il-ligi, ghalkemm l-istess intimat kien ta raguni li kienet tidher li sar xi forma ta' ftehim mieghu, meta fil-fatt ir-rikorrent qatt ma ghamel ebda forma ta' ftehim mal-intimat, imma inkiteb li dan sehh ghaliex kien lehaq l-eta' pensjonabbli. Pero` huwa qatt ma inghata l-opportunita` biex jispjega l-kas tieghu mal-istess Ambaxxatur jew rapprezentant tieghu.

Ir-rikorrent jghid li huwa kien diga' ghamel kawza fit-Tribunal Industrijali, u cioe kaz numru 2725/JB bl-ismijiet l-istess bhal dan il-kaz dwar tkeccija li allegatament hija ingusta; pero` hemmhekk ic-chairman tat-Tribunal astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz salv kull dritt spettanti sic et quatenus lill-istess rikorrent, u ghalhekk huwa kien ghadu ma ottjeniex dak spettanti lilu skond il-ligi. Jghid li huwa dejjem qeda d-dmirijiet tieghu ta' xufier mal-istess Ambaxxatur ta' Franza ghal Malta sat-30 ta' Gunju 2009. Jghid li jhoss li l-unika raguni ghat-tkeccija ingusta tieghu kienet dik li repetutament kien jitlob lill-Ambaxxatur Francis ghal Malta jew rapprezentanti tieghu ghall-hlas tal-*overtime* li huwa ghamel ghal diversi snin sa mill-bidu nett tal-impieg tieghu bhala xufier. Ghalhekk huwa talab lil dan it-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet illegali bi ksur tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u li jigi ordnat li huwa jithallas ghall-*overtime* li hadem tul is-snin mal-Ambaxxata Franciza.

L-Ambaxxata Franciza f'Malta u l-Gvern ta' Franza kif rapprezentat mill-Eccellenza tieghu l-Ambaxxatur ta' Franza f'Malta Daniel Rondeau dahhlu Risposta fejn (1) huma qablu li r-rikorrent kien gie impjegat bhala xufier u li l-impieg tieghu kien gie terminat fit-30 ta' Gunju 2009, pero` jghidu li dan sar bi ftehim mal-istess rikorrent. (2) Imbaghad l-intimati jqajmu eccezzjoni ta' preskrizzjoni skond Artikolu 47(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta (ta' sena) u skond Artikolu 75(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta (ta' erba' xhur). (3) L-intimati cahdu dak li qed jghid ir-rikorrent. (4) L-intimati qajmu eccezzjoni ta' inkompetenza ta' dan it-Tribunal, bhal ma kien diga' diciz meta r-rikorrent kien diga' ghamel kaz identiku fit-Tribunal Industrijali precedentement, il-kaz numru 2725/JB. (5) L-intimati jissollevaw ukoll li l-

Ambaxxata mhijiex soggetta ghall-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal in vista tal-immunita` diplomatika li tgawdi.

Fis-Seduta tat-18 ta' Novembru 2014 gie deciz li jigu trattati u decizi l-eccezzjonijiet preliminari, u cioe` tal-preskrizzjoni, tal-inkompetenza tat-Tribunal li jisma l-kaz, u tal-immunita tal-Ambaxxata. Madankollu b'Nota tal-11 ta' Dicembru 2014 l-intimati irrinunzjaw ghall-eccezzjoni tal-immunita' tal-Ambaxxata, u l-kaz baqa' ghad-decizjoni fuq iz-zewg eccezzjonijiet l-ohra.

<u>FATTI RELEVANTI</u>

Jirrizulta li l-impieg tar-rikorrent gie terminat fit-30 ta' Gunju 2009. Jirrizulta li fis-26 t'Ottubru 2009 ir-rikorrent fetah kaz fit-Tribunal Industrijali dwar tkeccija ingusta. Jirrizulta li fl-20 ta' Lulju 2010 id-Direttur tal-Protocol u Servizzi Konsulari baghat ittra lit-Tribunal Industrijali biex jinfurmah li l-Ambaxxata Franciza ssostni li hija ghandha immunita' diplomatika u li ghalhekk mhix soggetta ghall-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Fit-23 ta' Lulju 2010 it-Tribunal Industrijali kif presjedut dak iz-zmien iddecieda li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz in vista ta' dik id-dikjarazzjoni, pero` dan "salv kull dritt spettanti sic et quatenus lill-istess rikorrent." Ma jirrizultax li minn dan sar xi appell. Pero` r-rikorrent informa lil dan it-Tribunal verbalment waqt l-ewwel seduta li wara li inghalaq dak il-kaz huwa ha l-kaz tieghu direttament Franza, izda ma inghatax rimedju. Imbaghad fit-28 ta' Awwissu 2014 infetah dan il-kaz hawnhekk.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Dan it-Tribunal b'dieqa jinnota li l-kaz tas-Sur Borg bhal gie trattat sommarjament sal-punt li l-ilmenti sostantivi tieghu qatt ma gew trattati, Ghax il-proceduri wehlu meta gew trattati punti teknici li wasslu biex prattikament ma jinstema xejn dwar dak li r-rikorrent finalment ried jilmenta minnu. Dan it-Tribunal irid jinnota li meta s-sur Borg fetah il-kaz fl-2009, huwa talab biss li jigi dikjarat li t-tkeccija tieghu kienet ingusta skond il-ligi, u ma talab xejn dwar *over-time* mhux imhallas, u sewwa ghamel ghax talba bhal dik kellha

titressaq jew quddiem Qorti Civili jew quddiem Qorti Kriminali, jew quddiem it-tnejn, imma mhux fit-Tribunal Industrijali. Il-fatt li r-rikorrent issa ressaq it-talba tieghu ghall-hlas ta' overtime hawnhekk f'dan il-kaz hija indikattiva li s-Sur Borg ma ressaqx dak l-ilment tieghu fejn kellu jressqu, kif qed jinghad hawn fuq. Pero` frankament, kif inghad, talba ghal hlas ta' *overtime* quddiem Tribunal Industrijali ma tistax tirnexxi, anqas fil-kaz odjern.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba li s-Sur Borg ghamel fl-2009 ghal kumpens minhabba t-tkeccija, dik saret sew fit-Tribunal Industrijali, pero` l-Ambaxxata Franciza ssollevat il-privilegg tal-immunita' diplomatika, u dan it-Tribunal kif diversament presjedut laqa' dik l-eccezzjoni u astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz. Dan it-Tribunal ma jistax jesprimi ruhu dwar kemm jaqbel jew ma jaqbilx ma' dik id-decizjoni tat-23 ta' Lulju 2010, ghax dan it-Tribunal mhuwiex Qorti ta' Appell, pero` dan it-Trinunal ma jarax ghalxiex is-Sur Borg ma appellax minn dik id-decizjoni. Fi kwalunkwe kaz dan it-Tribunal jinnota wkoll li l-impieg tas-sur Borg kien gie terminat wara li huwa kien lahaq l-eta` tal-penzjoni, meta allura l-impieg ma jibqax garantit; dan qed jinghad fid-dawl ta' decizjonijiet li jghidu li l-imghallem jista' jittermina meta jrid l-impieg tal-impjegat li lahaq l-eta' tal-penzjoni.

Ghalhekk dan it-Tribunal ser jghaddi biex jitratta l-eccezzjoni li l-intimati qed isejhu ta' preskrizzjoni, meta jidher ovvju li qed jitkellmu fuq dekadenza hekk kif juru l-provvediemnti tal-ligi indikati minnhom.

Id-dekadenza skond Artikolu 47(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta hija ta' sena. Din id-dekadenza hija applikabbli ghall-ilment rigwardanti nuqqas ta' hlas ta' paga jew *over-time*. Ir-rikorrent ressaq ilment li l-Ambaxxata Franciza ma hallsitu ebda *over-time* ghat-tul kollu tal-impieg tieghu, u jekk dan huwa minnu c-cirkostanza hija deplorevoli. Pero`, kif inghad, tali ilment kellu jitressaq quddiem Qorti Civili jew Qorti Kriminali. Dan it-Tribunal xorta irid jiddeciedi jekk ir-rikorrent ressaqx l-iment tieghu tardivament. Il-perjodu ta' sena stipulat mill-ligi ma jiggeddidx, u ghalhekk huwa car u ovvju li fi

kwalunkwe kaz ghaddiet hafna aktar minn sena minn meta l-impieg tar-rikorrent giet terminat.  Ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghal hlas ta' *overtime* hija tardiva.

Id-dekadenza skond l-Artikolu 75(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta hija applikabbli ghal dak li jirrigwarda ilment ta' tkeccija ingusta.  Minghajr ma dan it-Tribunal jidhol fil-kwistjoni gia' msemmija ta' impieg waqt l-eta' penzjonabbli, huwa car u ovvju li fi kwalunkwe kaz mit-terminazzjoni tal-impieg (fl-2009) 'l hawn ghaddew ferm iktar mill-4 xhur stipulati bil-ligi, u dan il-perjodu ma jiggeddidx.

DECIZJONI

Ghaldaqstant wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal jiddikjara li z-zewg talbiet tar-rikorrent ghal dikjarazzjoni ta' tkeccija ingusta u ghall-ordni ghal hlas ta' *overtime* gew hawnhekk  imressqa tardivament, u ghalhekk m'ghadx hemm lok li dan it-Tribunal ikompli jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz.  Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ disghin Euro (€90.00).   B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman